MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2013

Numru. 698/2011

**Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Carmelo Camilleri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Carmelo Camilleri ta' 49 sena bin Anthony u Giuseppa nee' Borg, imwieled Fgura fid-9 ta' Settembru 1961 u residenti Tony Triq San Tumas Fgura u detentur tal-karta tal-identita' numru 588361(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-18 ta' Mejju 2011 ghal habta ta' 8.30am u hinijiet qabel waqt li kien fi Triq il-Belt Valletta Rahal Gdid f'dawn il-gzejjer;

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt li jikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alfred Camilleri ta' 61 sena mill-Fgura liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u mill-volonta' tieghu u li kieku dan ir-reat sar kellu l-konsegwenzi li jikkaguna debulizzza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh, jew sfregju gravi permanenti fil-wicc, idejn u ghonq ta' Alfred.

2. Fl-istess cirkustanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alfred Camilleri ta' 61 sena mill-Fgura skond ma ccertifikaw it-tobba Dr. Charmaine Fava Reg 2393 mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid u Dr. Joe Cassar Delia minn Haz-Zabbar.

3. Fl-istess cirkustanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Alfred Camilleri, ta' 61 sena mill-Fgura liema feriti ta' natura hafifa maghmula bi strument iniggez, jew jaqta' li kienu ccertifikati mit-tobba Dr. Charmaine Fava Reg 2393 mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid u Dr. Joe Cassar Delia minn Haz-Zabbar.

4. Fl-istess cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq dentatura u arlogg tal-idejn ta' Alfred Camilleri mill-Fgura liema hsara ma tiskorrix 1164.69 Euros imma izjed minn 116.47 Euros.

5. Fl-istess cirkustanzi minghajr ma darab jew sawwat hedded b'gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi kontra Alfred Camilleri mill-Fgura.

6. Fl-istess cirkustanzi hebb kontra Alfred Camilleri mill-persuna biex jingurjah idejjqu jew jaghmillu hsara kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi dispozizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

7. Fl-istess cirkustanzi ghamel ingurji jew theddid lil Alfred mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici.

8. Fl-istess cirkustanzi imbotta lil imsemmi Alfred fit-triq biex iweggu jew jinsulentah.

9. Fl-istess cirkustanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba tapplika l-artikolu 412C ghal protezzjoni ta' Alfred Camilleri mill-Fgura.

Il-Qorti kienet gentilment ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Alfred Camilleri u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 14 ta' Dicembru 2011 (esebita a fol. 91 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a. fl-artikoli 41(1)(a), 214, 216(1)(a)(b), 217 u 222A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-artikoli 214, 221(1)(2) u 222A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-artikoli 338(dd), 339(b), 339(d), 339(e) u 339(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tad-9 ta' Frar 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident li sehh fit-18 ta’ Mejju 2011 gewwa Triq Valletta f’Rahal l-Gdid fejn inqala’ argument bejn l-imputat u Alfred Camilleri. Meta xehed Alfred Camilleri, l-parti leza, fis-seduta tat-8 ta’ Lulju 2011 huwa qal li huwa registrat bhala persuna li jbati minn dizabilita’ minhabba li ghandu f’saqajh boldijiet li ma jistghux jitnehhew. Huwa qal li fil-gurnata in dizamina waqt li kien qieghed jistenna’ vicin l-ispizerija Brown’s, f’Rahal il-Gdid gie l-imputat u beda’ jghajjat mieghu u jakkuzah li kellu jaghtih il-flus tal-multa tat-television. F’daqqa wahda Camilleri jghid li qala’ daqqa ta’ ponn u waqa’ mal-art u l-imputat beda jaghtih bl-addocc u ma waqafx. Camilleri sostna li l-imputat kissirlu d-dentatura u qal li beda’ jhoss tnewim f’idejh il-leminija. Bid-daqqa (a fol 35) qal li kwazi gie fi black out minhabba li l-imputat laqtu fuq in-naha tax-xellug ta’ wiccu. Camilleri zied jghid li meta kien mal-art hass tingiza u qal li l-imputat telaq jigri meta ra d-demm ma’ wiccu u kompla jghid li waqt li kien qieghed jaghtih, l-imputat zammu u beda jaghtih fuq rasu. Camilleri qal li huwa ittiehed gewwa c-Centru tas-Sahha ta’ Rahal il-Gdid fejn kellhom jaghmluhu l-punti izda l-feriti li kellhu gew certifikati bhala hfief. Huwa wera li ghandu marka fuq il-polz li huwa sejhilha bhala nefha u qal li din kienet l-unika haga li kellu. Camilleri izda zied jghid li xi tlett ijiem wara l-incident kienu tawh xi stordamenti minhabba li kien iccaqlaq l-ilma ta’ wara widnejh. Meta Alfred Camilleri rega’ xehed fis-seduta tal-24 ta’ Mejju 2012 (a fol 95) huwa qal li waqt li kien qieghed jistenna’ barra l-ispizerija kien hemm in-nies ghaddejin u li l-argument dam biss madwar erba’ (4) minuti. Huwa zied jghid li lill-imputat kien jafu sew qabel dan l-incident u li meta huwa kien mal-art gew jghinuh xi nies sabiex iqum minn mal-art. Huwa kompla jghid li fil-mument li kien hemm il-glieda hadd ma gie fin-nofs biex iwaqqaf din il-glieda minhabba li kulhadd beda’ jibza’. Alfred Camilleri qal li t-tlett punti li kellu fuq rasu kienu fuq in-naha ta’ wara tar-ras u zied jghid li ghandu wkoll marka li qieghda iktar ‘l

fuq fuq idu fejn jilbes l-arlogg. Huwa spjega li kien xtara post minghand l-imputat u wara nqalghet kwistjoni fuq xi flus fejn l-imputat qallu li kien tah flus mahmugin. Huwa zied jghid li l-imputat kien semmielu xi haga rigward television u qallu sabiex ihallas il-multa li kien wehel minhabba fih u qal ukoll li huwa kellu argument mal-imputat minhabba multa li kien wehel minhabba l-valur tal-bini li kien xtara minghandu.

Meta xehdet fis-seduta tat-8 ta’ Lulju 2011 Dr. Charmaine Fava (a fol 42) qalet li kienet harget certifikat mediku (Dok. SZ2) fejn hemm indikat li hija kienet ezaminat lil Alfred Camilleri. Hija kienet osservat li kellu gundalla fil-qurriegha tar-ras fuq in-naha tax-xellug li kellha bzonn il-punti u li kien hemm sinjali ohra ta’ feriti hfief konsistenti fi brix superficjali fuq partijiet tal-gisem. Hija ziedet tghid li Alfred Camilleri kien qallha li qala’ daqqa b’xi oggett fuq rasu u tilef il-bilanc u waqa’. Il-qasma li kellu fuq rasu kienet zghira, madwar 1.5 cm wiesgha, u spjegat li kien hemm griehi hfief fl-irkoppa u partijiet ohra tal-gisem. Din ix-xhud kompliet tghid li ma kienx irrizultalha li kien hemm kumplikazzjonijiet ohra. Meta xehed fis-seduta tat-8 ta’ Lulju 2011, Dr. Christian Gauci (a fol 49) qal li kien ghamel treatment plan lil Alfred Camilleri minhabba li dan kellu dentatura mkissra li kellha tinbidel. Fis-seduta tal-11 ta’ Novembru 2011 xehed Dr. Joseph Cassar Delia (a fol 80) fejn qal li fit-18 ta’ Mejju 2011 kien ezamina lil Alfred Camilleri u kkonferma c-certifikat mediku (Dokument SZ4) inserit a fol. 23 u 24 tal-atti processwali. Huwa qal li kien ra ferita zghira ta’ 1.5cm fuq in-naha ta’ barra ta’ id ix-xellugija ta’ Camilleri, u li kien hemm xi grif u tbengil fuq in-naha ta’ gewwa tal-muscle tan-naha ta’ fuq tal-istess id u nefha u tbengil fuq ghajnejh ix-xellugija kif ukoll ferita zghira ta’ 1cm fuq l-iskutella ta’ rasu li kienet bil-punti maghmula fic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal l-Gdid. Dr. Cassar Delia qal li l-feriti kienu kollha hfief u ta’ importanza minuri salv kumplikazzjonijiet u specifika li kumplikazzjonijiet fil-fatt ma kienx hemm izda qal ukoll li fil-fatt kien ghad hemm scar fuq id ix-xellugija ta’ Alfred Camilleri. Dr. Charmaine Fava regghat xehdet fis-seduta tas-19 ta’ Lulju 2012 fejn qalet li l-ferita li kellu f’rasu Alfred Camilleri kienet fil-genb fin-naha tax-xellug fuq wara tar-

ras (a fol 106). Hija kkonfermat li dan kien qalilha li kien waqa' minhabba li xi hadd kien imbuttah u li huwa kellu problema f'siequ u probabbilment tilef il-bilanc. Hija ma ftakritx li fil-fatt li din il-ferita giet maghmula minn strument iniggez minhabba li ma kinitx hi li ghamlet il-punti. Din ix-xhud qalet ukoll li l-ferita li kellu Camilleri f'idejh kienet ta' natura hafifa u ma kienx hemm kumplikazzjonijiet ohra.

Fis-seduta tat- 8 ta' Lulju 2011, xehedet Audrey Cachia (a fol 62) fejn qalet li waqt li hija kienet xoghol gewwa l-Brown's Pharmacy f'Rahal il-Gdid semghat ghajjat gej minn barra u meta harget rat ragel fuq gharkubtejh mal-art u bid-demm niezel minn rasu. Hija kompliet tghid li ma kinitx taf minn fejn kien hiereg dan id-demm. Meta regghet xehdet fis-seduta tat-18 t'Ottubru 2012 (a fol 117) din ix-xhud qalet li ma rat lil hadd dak il-hin jitlaq minn fuq il-post u lanqas rat lil xi hadd hdejn ir-ragel mal-art. Hija ziedet tghid li meta marret hdejn dan tal-ahhar huwa qalilha sabiex iccempel lil Pulizija u rrifjuta assistenza medika.

Fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2013 xehed l-imputat Carmelo Camilleri (a fol 126) fejn qal li huwa kien iltaqa' ma' Alfred Camilleri vicin il-Habs fit-triq principali. Huwa qal li meta mar ikellmu inqala' argument bejniethom minhabba xi flus u rigward television. Huwa zied jghid li kien Alfred Camilleri li mbuttah u dan imbaghad tilef il-bilanc u waqa'. Meta gie mistoqsi kif a tempo vergine kien qal li kien hu li mbotta lil Alfred Camilleri, huwa rrisponda li qal hekk ghaliex tfixkel izda l-verita' kienet li hu gie imbuttat minn Alfred Camilleri u li dan imbaghad waqa' minhabba li ghandu saqajh mhux tajba. L-imputat qal li ma kienx minnu li huwa harab minn fuq il-post meta ra lil Camilleri jaqa' u sostna li huwa telaq ghaliex ma ra xejn fuq Camilleri. Huwa jinnega li mar hu fuqu sabiex jargumenta mieghu u zied jghid li kien mar f'dak il-post sabiex jixtri bozza minn hanut ftit il' fuq u meta ra lil Alfred Camilleri mar ikellmu fuq il-kwistjoni li kienet nqalghet bejniethom.

Il-Pulizija hadet stqarrija[1] tal-imputat li giet esebita wkoll f'dawn l-atti. L-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata lil Pulizija ammetta li kien hemm argument verbali ma' Alfred Camilleri u li dan inqala' minhabba li kien hemm kwistjoni fuq xi flus dovuti.

Ikkunsidrat

1. L-Akkuza ta' tentattiv ta' feriti gravi

Ma hemmx dubbju illi l-imputat Carmelo Camilleri hebb ghal Alfred Camilleri u kkagunalu diversi griehi li gew certifikati kollha li huma ta' natura hafifa. Rigward l-akkuza dwar t-tentattiv tal-offiza gravi fuq il-persuna jinghad qabel xejn illi sabiex jissussisti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara.

*"Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).*

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinejat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistghax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn jghid:

*"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible." (Notes on Criminal Law),*

Izda imbaghad izid

[1] Giet esebita stqarrija dok SZ1 a fol 17, certifikat mediku dok SZ2 mahrug minn Dr. Charmaine Fava, certifikat minn Dr. Christian Gauci bhala dok SZ3 kif ukoll certifikat mediku mahrug minn Dr. Cassar Delia bhala dok SZ4 u r-rapport tal-Pulizija.

*“Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo.”*

Illi ukoll f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta’ Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

*“Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) Jghid f'pagna 79:*

*"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e*

*gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto – il canone probatorio in dubio pro reo."*

U ikkonkludiet:

*"Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok."*

Illi maghmul dina l-esposizzjoni legali, din l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-fattispecje ta' dana l-kaz bil-ghan li jigi stabbilit jekk f'dana il-kaz tistax tirrizulta htija ghall-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat. Illi kif diga' inghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat tal-offiza gravi jew gravissima l-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma. Issa kif diga' nghad l-uniku prova li hemm fl-atti li titfa' dawl fuq id-dinamika ta' dana l-

incident hija l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat kif ukoll dak li qalu l-Pulizija fix-xhieda taghhom f'dawn il-proceduri u dak li qal Alfred Camilleri. Illi ghandu jinghad li mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kien biss Alfred Camillleri li qal li l-imputat beda' jaghtih bl-addocc u anki qal li hass tingiza fuq rasu. Illi f'mumenti ohra tax-xhieda tieghu Alfred Camilleri qal li f'daqqa wahda qala' daqqa ta' ponn u waqa' mal-art u l-imputat beda' jaghtih bl-addocc u ma waqafx u waqt l-argument inkisret ukoll id-dentatura li kellu. Huwa qal ukoll li bid-daqqa (a fol 35) kwazi gie fi black out u li meta kien mal-art hass tingiza u l-imputat telaq jigri minhabba li ra d-demm ma' wiccu. Illi minn dawn il-fatti jidher li hemm divergenzi fix-xhieda ta' Camilleri fejn filli jghid li l-imputat tah daqqa ta' ponn u waqa' fl-art u hass tingiza fuq rasu b'xi haga li ma kienx jaf kif seta' jiddeskriviha u f'mument iehor qal li meta kien fl-art l-imputat tah daqqa u hass tingiza fuq rasu liema ferita kienet fuq in-naha ta' wara tar-ras u li fil-fatt kellhom jaghmlulu xi punti. L-imputat innega dan kollu fejn fil-fatt qal li kien Alfred Camilleri li waqa' wahdu meta prova jimbuttah. Mix-xhieda ta' Dr. Charmaine Fava jirrizulta li l-ferita li l-imputat kellu f'idejh kienet ta' natura hafifa u li ma kienx hemm kumplikazzjonijiet ohra. Meta giet mistoqsija rigward il-ferita ta' fuq ir-ras din ix-xhud qalet "kien qalli li waqa' imma l-ugiegh tar-ras ma kienx minhabba l-waqa' le. Ma niftakarx ezatt. Naf li hu kien qalli li waqa'".

Illi mill-provi ma jirrizultax li nstab ebda strument bil-ponta jew li jniggez kif deskritt minn Alfred Camilleri u mic-certifikati medici ma hareg xejn li jista' jitfa' dawl li fil-fatt dawn il-feriti gew maghmula minn xi strument u mhux mal-waqa' li Alfred Camilleri garrab. Ghandu jinghad ukoll li ghalkemm huwa semma li qala daqqa ta' ponn fuq wiccu u storda, ma kien hemm xejn fic-certifikat mediku li jindika li huwa sofra griehi tali fuq wiccu li setghu anki kkawzaw il-ksur tad-dentatura li huwa jghid li kellhu. Fir-rapport tal-Pulizija hareg bic-car li l-unika haga li Camilleri semma li nkisret kien l-arlogg, xi haga li mbaghad fix-xhieda tieghu m'ghamilx referenza ghaliha. Illi l-Qorti jidrilha li mill-assjem tal-provi jirrizulta sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li Carmelo Camilleri imbotta lil Alfred Camilleri u b'kagun t'hekk dan tal-ahhar habat rasu

mal-art u giet kagunata l-ferita li kellu fuq il-kappell ta' rasu izda ma giet kagunata ebda ferita b'xi strument li jniggez.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li fil-fatt l-imputat kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Alfred Camilleri. Illi l-feriti kollha gew certifikati bhala feriti hfief u ta' ebda mportanza u l-Qorti ssibha difficli temmen kif bit-tip ta' griehi riskontrati mit-tobba li xehdu f'din il-kawza l-imputat seta' verament kien qed jaghti bl-addocc bis-sieq u bil-ponn kif jallega Camilleri, li kieku dan kien minnu t-tobba kienu jirriskontraw aktar feriti u tbengil fuq diversi partijiet tal-gisem kompatibbli ma' daqqiet u mhux grif li gew kagunati mal-waqa' tieghu fl-art, inkluza dik ta' dirghajh fejn jilbes l-arlogg.

Ghaldaqstant dina l-Qorti ser issib lil-imputat hati li kkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' Alfred Camilleri taht l-artikoli 214, 221(1) u taht l-artikolu 222A u tilliberah mill-akkuzi taht l-artikoli 216(1)(a)(b), 217 u 221(2).

2. Hsara volontarja taht l-artikolu 325(1)(b)

Illi kif intqal aktar 'il fuq Alfred Camilleri jghid li l-imputat ikkawzalu ksur fid-dentatura izda mic-certifikati medici ma jirrizultax li l-imputat kellu griehi f'wiccu li jindikaw li huwa kien qed jaqla' daqqiet f'wiccu tali li dawn setghu jikkawzaw griehi u ksur fid-dentatura. Inoltre l-Qorti setghat tinnota li Camilleri naqas milli jsemmi tali ksur lil Pulizija a tempo vergine. Huwa fil-fatt indika biss li kellu ksur fl-arlogg izda mbaghad meta xehed f'dawn il-proceduri naqas milli jindika li kellu hsara fl-arlogg u milli jgib provi riferibbli ghal tali hsara. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ma jistghax jitqies li l-Prosekuzzjoni rnexxhielha tipprova sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat ikkaguna xi hsara volontarja lil Alfred Camilleri.

3. Kontravenzjonijiet

a) L-Artikolu 338(dd)

Illi l-imputat jinsab ukoll akkuzati bir-reat kontravenzjonali tal-ksur tal-bon ordni u paci pubblika. Illi anke dina l-akkuza tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi stante li l-incident sehh gewwa triq principali frekwentata minn diversi persuni.

b) L-Artikolu 339(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi mill-provi mressqa ma ngabet ebda prova li fil-fatt l-imputat beda jhedded lil Alfred Camilleri b'xi gebel jew xi arma. Illi mix-xhieda stess ta' Alfred Camilleri ma hareg xejn li fil-fatt uza xi kliem ta' theddid fil-konfront tieghu tant li ma semma xejn fuq dan ir-rigward. Ghaldaqstant l-imputat qieghed jigi liberat minn din l-akkuza.

c) L-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Stante li l-imputat ser jigi misjub hati li kkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' Alfred Camilleri din l-imputazzjoni ser titqies li hija assorbita fl-imputazzjoni ta' kkagunar ta' feriti hfief.

d) L-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Ghandu jinghad li f'ebda mument ma nghad mix-xhud principali li huwa gie ingurjat b'xi kliem jew li ntuza xi kliem li seta' jinftiehem li huwa ta' theddid. Ghalhekk l-imputat mhux ser jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

e) L-Artikolu 339(1)(l) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi din il-kontravenzjoni giet sodisfacament pruvata minhabba li kien fil-fatt l-imputat li mbotta ghal mal-art lil Alfred Camilleri u ghalhekk huwa qieghed jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-14 ta' Dicembru 2011 u senjatament l-Artikoli 17, 31, 214, 221(1), 222A, 338(dd), 339(1)d) u (l) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tielet (3), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fl-konfronti

tieghu u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija, illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputat b'obligazzjoni personali taht penali ta' hames mitt (€500) ghal zmien tnax (12) il-xahar millum milli jimmolesta jew jivvessa lil Alfred Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------